=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6820

**=== PECH/6820 ===**

Imressqa minn Kumitat għas-Sajd, João Ferreira, Kumitat għas-Sajd

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 11 02 05**

| | Baġit 2012 | | Abbozz tal-baġit 2013 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2013 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 02 05 | | | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — miżuri għat-titjib fil-proċess tal-formazzjoni tal-prezzijiet tal-ħut fl-ewwel bejgħ***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Żid li ġej:***

***Din l-intestatura għandha l-għan li tappoġġa miżuri għat-titjib fil-proċess tal-formazzjoni tal-prezzijiet tal-ħut fl-ewwel bejgħ, il-promozzjoni ta' distribuzzjoni ġusta u adegwata tal-valur miżjud tul il-katina tal-valur, jiġifieri bil-għan li jiżdied il-prezz tal-produttur mingħajr ma jiggrava l-prezz għall-konsumatur, kif ukoll l-appoġġ ta' miżuri li jiżguraw li l-ispejjeż tal-produzzjoni huma wieħed mill-varjanti li jridu jitqiesu fl-iffissar tal-prezzijiet għall-orjentazzjoni.***

***Dan il-PP huwa komplementari għall-azzjoni tal-"Osservatorju tas-Suq Ewropew" u jinkludi l-proposta u l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-tisħiħ tal-prezz tal-ewwel bejgħ tal-ħut u l-promozzjoni ta' distribuzzjoni ġusta u adegwata tal-valur miżjud tul il-katina tal-valur tas-settur.***

## Bażi legali:

Żid it-test li ġej:

***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jistabbilixxi l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22)***

***Proġett pilota skont it-tifsira tal-Paragrafu 2 tal-Artikolu 49 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

B'segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kriżi fis-settur Ewropew tas-sajd minħabba ż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt tat-12 ta' Mejju 2011, din l-emenda għandha l-għan li tipprepara l-introduzzjoni ta' miżuri għall-promozzjoni ta' distribuzzjoni ġusta u adegwata tal-valur miżjud tul il-katina tal-valur,

filwaqt li jitqies li din hija kawża tas-sitwazzjoni ekonomika serja li qed tolqot lis-settur tas-sajd. Dan il-PP mhux se jkun sovrapost għall-"Osservatorju tas-Suq Ewropew" billi huwa komplementari għall-azzjoni tiegħu.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6821

=== PECH/6821 ===

Imressqa minn Kumitat għas-Sajd, Alain Cadec, Kumitat għas-Sajd

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 11 02 06**

| | Baġit 2012 | | Abbozz tal-baġit 2013 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2013 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 02 06 | | | | | | | 400 000 | 400 000 | 400 000 | 400 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 400 000 | 400 000 | 400 000 | 400 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — L-istabbiliment ta' ċentru ta' monitoraġġ tat-traċċabilità bil-għan li titfassal ekotikketta pubblika Ewropea unika għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Skema ta' ekotikkettar se tipprovdi mezz ta' ċertifikazzjoni li l-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tal-UE jissodisfaw l-istess rekwiżiti soċjali, tas-saħħa u ambjentali. Din se tippermetti l-promozzjoni tar-reċiproċità kummerċjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-freskezza, il-kwalità, l-oriġini u t-traċċabilità tal-prodott, kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol.***

***Dan il-proġett pilota jkopri l-istabbiliment ta' ċentru ta' monitoraġġ tat-traċċabilità li jgħaqqad flimkien lir-rappreżentanti tal-partijiet interessati kollha fil-livelli kollha (l-industrija tas-sajd u tal-akkwakultura, l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha, il-konsumaturi) sabiex jiġu stabbiliti kriterji rilevanti għall-ħolqien ta' ekotikketta.***

***B'dan l-iskop, iċ-ċentru ta' monitoraġġ għandu:***

***iwettaq azzjonijiet ta' benchmarking fuq ekotikketti eżistenti***

***jiġbor opinjonijiet tal-partijiet interessati fuq websajt iddedikata***

***jistabbilixxi kriterji rilevanti għall-ħolqien ta' ekotikketta***

***ifassal speċifikazzjonijiet***

***jiżviluppa abbozz ta' programm ta' komunikazzjoni u logo sabiex jippromwovi l-ekotikketta madwar l-Unjoni Ewropea***

***jipproduċi rapport finali li jistabbilixxi dawn l-elementi kollha u jippreżentah lill-Kummissjoni sabiex titfassal proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' ekotikketta***

## Bażi legali:

Żid it-test li ġej:

***Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Il-Parlament talab bosta drabi (ara A6-0219/2006 u A7-0207/2010) għall-ħolqien ta' ekotikketta pubblika Ewropea unika għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura L-għan tal-ekotikketta huwa li tiġi żgurata t-traċċabilità ottimali tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mibjugħa fl-UE, abbażi ta' kriterji ċari, inkluża l-kwalità soċjali, tas-saħħa u ambjentali. Ir-rekwiżiti tal-konservazzjoni u s-sostenibilità tar-riżorsi tas-sajd

ukoll se jiġu stabbiliti fl-ambitu tal-iskema ta' ekotikkettar.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6822

**=== PECH/6822 ===**

Imressqa minn Kumitat għas-Sajd, Alain Cadec, Kumitat għas-Sajd

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 11 02 07**

| | Baġit 2012 | | Abbozz tal-baġit 2013 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2013 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 02 07 | | | | | | | 400 000 | 400 000 | 400 000 | 400 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 400 000 | 400 000 | 400 000 | 400 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — Sistema ta' netwerk tas-swieq tal-irkanti tal-ħut u l-akkwakultura tal-UE***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Is-swieq tal-irkanti tal-ħut u l-akkwakultura għandhom rwol importanti f'termini ekonomiċi (investiment, attrattività ekonomika), f'termini soċjali (ippjanar tal-ispazji, impjiegi), f'termini ta' saħħa (standards tal-iġjene) u f'termini ambjentali (kontrolli riġidi).***

***Dan il-proġett pilota jkopri l-istabbiliment ta' pjattforma bbażata fuq websajt għal sistema ta' netwerk bejn swieq tal-irkanti tal-UE. Il-pjattaforma se titmexxa minn grupp ta' esperti li jagħtu pariri lis-swieq tal-irkanti dwar kif jippowstjaw informazzjoni onlajn.***

***Din il-pjattaforma ta' informazzjoni u skambji mal-Ewropa kollha tipprovdi informazzjoni relatata mas-suq lill-pubbliku.***

***Se tintuża biex tiġi mgħoddija u titqassam informazzjoni dwar il-volumi, il-kwalità u l-prezzijiet għal xerrejja ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.***

***Tkun għodda ta' osservazzjoni tas-suq għall-pubbliku, immexxija minn netwerk ta' esperti li jidderieġu lis-swieq tal-irkanti u lil dawk kollha interessati fil-katini ta' produzzjoni lejn l-informazzjoni li jkunu jeħtieġu.***

***Tagħti spinta qawwija lill-bejgħ permezz tal-forniment ta' informazzjoni diretta u fil-ħin reali lix-xerrejja u d-disponibilità permanenti ta' għodod ta' analiżi tas-suq.***

***Tifforma netwerk bejn is-swieq tal-irkanti, fuq il-linji tas-Server tal-Iskambju tad-Data għas-Sajd (FIDES II), li jkun ta' benefiċċju għall-atturi fis-suq u, b'mod partikolari, joffri lix-xerrejja viżjoni fuq perjodu ta' żmien twil tas-suq tal-UE tal-prodotti tas-sajd.***

***Se tinkludi l-ħolqien ta' bażi ta' data dwar is-swieq tal-irkanti tal-UE tas-sajd u l-akkwakultura u l-kapaċitajiet potenzjali tagħhom ta' ħatt l-art, u se tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika.***

***L-approprjazzjoni għall-proġett pilota se tintuża biex ixxerred informazzjoni dwar il-volumi, il-kwalità u l-prezz tal-prodotti disponibbli fid-diversi swieq tal-irkanti madwar l-UE. Il-fondi se jintużaw ukoll biex jitjieb l-operat tat-tagħrif u jiġi estiż il-forniment ta' informazzjoni dwar is-suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fl-UE.***

## Bażi legali:

Żid it-test li ġej:

***Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

L-industrija tas-sajd tal-UE jeħtieġ li tissodisfa l-bżonnijiet ta' volum u kwalità tal-bejjiegħa bl-imnut, kbar u

żgħar, tal-Ewropa. Jeżistu varjazzjonijiet kbar fil-volumi tas-sajd u l-akkwakultura għall-bejgħ fis-swieq tal-irkanti madwar l-UE, u l-organizzazzjonijiet li jiġġestixxu dawn is-swieq jeħtieġ li jkunu kapaċi jagħtu ix-xerrejja potenzjali informazzjoni dwar il-volumi li jinħattu l-art kemm jista' jkun malajr u faċilment possibbli, sabiex jiġi evitat li ħut jibqa' ma jinbiegħx u sabiex is-suq tal-UE fil-prodotti tas-sajd jirrendi iktar qligħ.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6823

=== PECH/6823 ===

Imressqa minn Kumitat għas-Sajd, João Ferreira, Kumitat għas-Sajd

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 11 06 14**

| | Baġit 2012 | | Abbozz tal-baġit 2013 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2013 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 06 14 | | | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — L-istabbiliment ta' sistema ta' assigurazzjoni pubblika biex jiġu koperti sitwazzjonijiet mhux previsti fis-settur tas-sajd***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tappoġġa miżuri għall-istabbiliment ta' sistema ta' assigurazzjoni pubblika għas-settur tas-sajd li se sservi ta' kopertura f'emerġenzi li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet mhux previsti, bħal diżastri naturali u s-sospensjoni obbligatorja tas-sajd minħabba pereżempju, pjanijiet ta' rkupru tal-istokkijiet jew restrizzjonijiet fl-aċċess għal fatturi ta' produzzjoni essenzjali. Dan il-proġett pilota se jinvolvi l-valutazzjoni dwar jekk skemi ta' protezzjoni eżistenti f'oqsma oħra (bħal pereżempju dak agrikolu) jistgħux jintużaw fl-industrija tas-sajd u jekk għandhomx isiru xi aġġustamenti f'dawk l-iskemi sabiex dan isir.***

## Bażi legali:

Żid it-test li ġej:

***Ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).***

***Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Il-proġett pilota jkopri tħejjijiet għall-istabbilment ta' skema ta' assigurazzjoni pubblika li se taġixxi bħala sistema ta' sikurezza għas-sajjieda u s-sidien tal-bastimenti f'każ ta' sitwazzjonijiet mhux previsti f'settur li huwa estremament vulnerabbli.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6824

=== PECH/6824 ===

Imressqa minn Kumitat għas-Sajd, João Ferreira, Kumitat għas-Sajd

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 11 06 15**

| | Baġit 2012 | | Abbozz tal-baġit 2013 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2013 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 06 15 | | | | | | | 2 500 000 | 2 500 000 | 2 500 000 | 2 500 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 2 500 000 | 2 500 000 | 2 500 000 | 2 500 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — L-istabbiliment ta' fond ta' garanzija għall-istabbiltà tal-prezz tal-fjuwil***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri l-istabbiliment ta' fond ta' garanzija sabiex il-prezzijiet tal-fjuwil kollha jibqgħu stabbli.***

## Bażi legali:

Żid it-test li ġej:

***Ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).***

***Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Iż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil qed tipperikola l-vijabilità kontinwa ta' diversi impriżi tas-sajd. Il-Kummissjoni ma ddedikatx biżżejjed attenzjoni lil din il-problema. Mingħajr ħsara għall-adozzjoni ta' miżuri ulterjuri fil-futur, jeħtieġ li tittieħed azzjoni b'mod immedjat sabiex jiġu evitati konsegwenzi soċjali u ekonomiċi devastanti. B'konformità mar-riżoluzzjoni tal-PE ta' Mejju 2012 dwar il-kriżi tas-settur tas-sajd Ewropew minħabba ż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt, għandu jiġi stabbilit fond ta' garanzija kofinanzjat mill-UE sabiex il-prezzijiet tal-fjuwil jibqgħu stabbli.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6825

**=== PECH/6825 ===**

Imressqa minn Kumitat għas-Sajd, João Ferreira, Kumitat għas-Sajd

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 11 06 14**

| | Baġit 2012 | | Abbozz tal-baġit 2013 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2013 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 06 14 | | | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — miżuri ta' appoġġ għas-settur tas-sajd b'rabta maż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri miżuri sabiex is-settur tas-sajd jiġi megħjun jaffronta l-kriżi serja attribwita għaż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet tad-diżil u tal-petrol.***

***Il-proġett pilota jinvolvi:***

***- analiżi tal-effetti li ż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil qed ikollha fid-diversi taqsimiet tal-flotot fl-Istati***

*Membri;*

***- valutazzjoni tal-possibilità li l-istrumenti u l-marġni finanzjarji tal-baġit tal-UE jintużaw sabiex jiġu ffinanzjati miżuri straordinarji ta' appoġġ li jippermettu lill-industrija tlaħħaq mad-diffikultajiet b'konsegwenza taż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil, sakemm jiġu introdotti tipi ta' miżuri oħrajn;***

***- it-teħid ta' miżuri fuq terminu qasir, medju u twil sabiex tiġi żgurata s-sostenibilità tal-industrija.***

***Din l-approprjazzjoni hija ntiża li tkopri l-abbozzar ta' proposti sabiex il-FES ikun aktar effettiv fil-promozzjoni tat-tiġdid u l-immodernizzar tal-bastimenti, bil-għan li l-industrija ssir aktar sostenibbli billi tittejjeb l-għażla tat-tagħmir tas-sajd u s-sostituzzjoni tal-magni għal raġunijiet ta' sikurezza, għall-ħarsien tal-ambjent u sabiex jiġi ffrankat il-fjuwil, b'mod partikolari għas-sajd qrib il-kosta fuq skala żgħira u dak artiġjanali, kif ukoll it-tibdil ta' bastimenti li għandhom aktar minn 20 sena u li m'għadhomx aktar sikuri.***

## Bażi legali:

Żid it-test li ġej:

***Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Iż-żieda sostanzjali fil-prezzijiet tal-fjuwil iggravat b'mod sinifikanti l-kriżi fl-industrija tas-sajd, filwaqt li dgħajfet ulterjorment l-vijabilità ekonomika tagħha u naqqset b'mod konsiderevoli d-dħul diġà baxx tas-sajd. Il-miżuri mressqa mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza fl-enerġija, huma miżuri b'terminu medju u fit-tul. Madankollu huma meħtieġa wkoll miżuri b'effett aktar immedjat, u huwa għalhekk li qed jiġi propost dan il-proġett pilota.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6826

**=== PECH/6826 ===**

Imressqa minn Kumitat għas-Sajd, Alain Cadec, Kumitat għas-Sajd

------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 11 07 04**

| | Baġit 2012 | | Abbozz tal-baġit 2013 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2013 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 07 04 | | | | | | | 600 000 | 600 000 | 600 000 | 600 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 600 000 | 600 000 | 600 000 | 600 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — Identifikazzjoni ta' żoni adegwati għall-iżvilupp tal-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Il-Parlament huwa kompletament konxju tal-fatt li, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-ippjanar spazjali kostali u marittimu huwa kwistjoni f'idejn l-Istati Membri. F'bosta każi, madankollu, l-isforzi biex tiġi żviluppata l-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea qed jiġu ostakolati minn nuqqas ta' koordinazzjoni xierqa tal-interessi tald-diversi persuni u entitajiet interessati li ġejjin mill-qasam marittimu.***

***Huwa possibbli li l-UE tagħti kontribut utli għall-identifikazzjoni ta' żoni adattati għall-iżvilupp tal-akkwakultura mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Dan jipprovdi viżjoni Ewropea iktar ċara għall-iżvilupp ta' industrija tal-akkwakultura raġonevoli, sostenibbli u estensiva min-naħa tal-Istati Membri.***

***Fil-qafas ta' dan il-proġett pilota, l-iffinanzjar se jiġi pprovdut għal studju biex jiġu identifikati żoni***

***adegwati għall-iżvilupp tal-akkwakultura madwar l-UE, li r-riżultati tiegħu jiġu magħmula disponibbli għall-Istati Membri u għal dawk kollha interessati li jaħdmu fis-settur tal-akkwakultura.***

***L-għanijiet tal-istudju huma:***

- ***li jkunu magħrufa l-fehmiet ta' rappreżentanti tas-setturi marittimi***
- ***li jiġu identifikati żoni adattati għall-iżvilupp ta' forma raġonevoli u estensiva tal-akkwakultura; dan jinkludi t-tfassil ta' mappa ta' żoni b'potenzjal kbir***
- ***li jiġu identifikati l-ostakli għall-istabbiliment ta' żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura***

## Bażi legali:

Żid it-test li ġej:

***Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Il-proposta għal riforma tal-politika komuni tas-sajd tenfasizza r-rwol dejjem akbar li l-akkwakultura se jkollha bħala sors ta' ikel fil-ġejjieni, minħabba numru ta' fatturi. L-akkwakultura hija industrija innovattiva li tipprovdi impjiegi u prodotti ta' kwalità għolja li jikkompletaw dawk ipprovduti mill-industrija Ewropea tas-sajd, u għandha tingħata appoġġ xieraq. Kull forma ta' riċerka li tgħin lill-industrija tikber għandha tiġi inkoraġġita.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6827

**=== PECH/6827 ===**

Imressqa minn Kumitat għas-Sajd, Crescenzio Rivellini, rapporteur, Antonello Antinoro, Kumitat għas-Sajd

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 11 09 06**

| | Baġit 2012 | | Abbozz tal-baġit 2013 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2013 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 09 06 | | | | | | | 350 000 | 350 000 | 350 000 | 350 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 350 000 | 350 000 | 350 000 | 350 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — Gwardjani tal-Baħar***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***a) Żid dan li ġej:***

***Valutazzjoni tal-fattibilità għall-aħjar użu ta' bastimenti tas-sajd attivi li jkunu jridu jħallu l-flotta tal-Komunità u tal-esperjenza u n-know-how prattiku tas-sajjieda għall-benefiċċju kemm tas-sajjieda stess u s-soċjeta inġenerali.***

***a) Analiżi taħt kundizzjonijiet kważi reali tal-vijabilità teknika u ekonomika biex dawk attivi fis-settur bħala menbri tal-ekwipaġġ li ma jistgħux ikomplu jaqalgħu l-għajxien tagħhom mis-sajd u li jippossjedu esperjenza u għarfien tal-baħar, li huma fir-riskju li jintilfu jekk dawn il-persuni jfittxu sorsi ta' qligħ f'attivitajiet fuq l-art, jiġu orjentati mill-ġdid mill-attivitajiet tas-sajd għal attivitajiet tal-baħar.***

***b) Analiżi taħt kundizzjonijiet kważi reali tal-possibilità li bastimenti tas-sajd jiġu konvertiti mill-ġdid għal bastimenti li joperaw bħala pjattaforma għal numru ta' attivitajiet ambjentali u marittimi barra s-sajd, prinċipalment il-ġbir ta' skart tal-baħar.***

***c) Identifikazzjoni taħt kundizzjonijiet kważi reali tal-kost operazzjonali meħtieġ għal bastiment taħt il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq u s-sors potenzjali ta' ffinanzjar. Madankollu, kull finanzjament ta' dan it-tip għandu jkun limitat biex jappoġġja l-bidu ta' attivitajiet li kapaċi jżommu lilhom infushom***

*f'terminu ta' żmien twil.*

*d) Identifikazzjoni tat-taħriġ xieraq meħtieġ għas-sajjieda sabiex iwettqu funzjonijiet ġodda u jiksbu riżultati utli.*

*e) Appoġġ għat-tnaqqis tal-kapaċità tas-sajd f'konformità mal-objettivi ta' riforma tal-PKS billi jiġu pprovduti inċentivi pożittivi għall-proprjetarji tal-bastimenti u s-sajjieda li jħallu s-settur u jiġu mħeġġa jsibu/jiżviluppaw attivitajiet alternattivi li jsiru fil-baħar/jew f'żoni kostali.*

*f) Inkoraġġiment favur attivitajiet komplementari għas-sajd għal dawk is-sajjieda li jibqgħu fis-settur.*

*g) Identifikazzjoni tal-qafas amministrattiv u legali neċessarju għall-kollaborazzjoni mal-attivitajiet tal-Gwardjani tal-Baħar u l-koordinazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet relevanti u/jew l-entitajiet amministrattivi relevanti.*

*h) Analiżi taħt kundizzjonijiet kważi reali tal-implimentazzjoni tal-kunċett "Gwardjani tal-Baħar" fil-perjodu ta' pprogrammar li jmiss.*

## Bażi legali:

Żid it-test li ġej:

***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jistabbilixxi l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. (OJ L 17, 21.1.2000, p. 22)***

***Proġett pilota skont it-tifsira tal-Paragrafu 2 tal-Artikolu 49 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

L-għan għandu jkun li jiġu ppreservati l-impjiegi fil-komunitajiet kostali u li jsir l-aħjar użu possibbli tal-esperjenza u n-know-how prattiku tal-baħar fost is-sajjieda għal integrazzjoni aħjar fl-ekonomija marittima usa', sabiex jissaħħu l-prospetti tal-impjiegi, jittejbu l-kundizzjonijiet tas-settur kif ukoll għas-sajjieda individwali, u biex jinżammu l-komunitajiet tas-sajjieda bħala sors ta' kwalità tal-ħajja fiż-żoni kostali.